**110. L-Onor. Jason Azzopardi jipproponi**:

Billi nhar il-11 ta' Jannar 2018 il-Kumitat tal-Libertajiet Ċivili, Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew ippubblika r-rapport tiegħu wara ż-żjara li huwa kellu f'Malta fit-30 ta' Novembru 2017 bil-għan "*to investigate alleged contraventions and maladministration in the application of Union Law in relation to money laundering, tax avoidance and tax evasion*";

Billi r-Rapport imsemmi jelenka xejn inqas minn 13-il rakkomandazzjoni, fosthom:

1. li l-Kummissjoni Ewropea tara jekk l-awtoritajiet Maltin humiex jimplimentaw kif suppost id-direttivi tal-Unjoni Ewropea kontra l-ħasil tal-flus, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' *due diligence*;

2. li l-Awtorità Bankarja tal-Unjoni Ewropea tara jekk il-Malta Financial Services Authority għandhiex kunflitti ta' interess fil-qadi ta' dmirijietha;

3. li l-Awtorità Bankarja tal-Unjoni Ewropea tara jekk il-Malta Financial Services Authority hijiex taqdi l-obbligi tagħha bħala regolatur in vista tan-nuqqas ta' azzjoni kontra l-Bank Pilatus u Nexia BT u kif dawn għad għandhom liċenzja biex joperaw fl-Unjoni Ewropea;

4. li l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jinvestigaw jekk il-Bank Pilatus għandux jibqa' jkollu liċenzja biex jopera fl-Unjoni Ewropea u jekk dawn għandhomx jintervjenu;

5. li l-Kummissjoni Ewropea trid tieħu nota tat-theddid li l-Bank Pilatus u d-ditta Henley & Partners għamlu lil *media* Maltija biex jagħlqu ħalq il-ġurnaliżmu Malti u kif dawn it-theddid ta' kawżi, li m'huma xejn għajr kawżi magħrufa bħala SLAPP, imorru kontra l-libertà tal-espressjoni;

6. li l-Kummissjoni Ewropea trid tanalizza l-impatt u l-implikazzjoni tal-programm ta' bejgħ ta' ċittadinanza Maltija u kif dan qed jiffomenta l-korruzzjoni, l-importazzjoni tal-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus;

7. li dawk l-uffiċjali pubbliċi Maltin li huma implikati f'attività ta' korruzzjoni u ħasil tal-flus b'riżultat ta' dak li ħareġ mill-Panama Papers u diversi rapporti tal-FIAU għandhom jitneħħew mill-kariga tagħhom u jinġiebu quddiem il-ġustizzja mill-iktar fis, għax fin-nuqqas qed tkompli tiżdied il-perċezzjoni ta' impunità u ssir iktar ħsara lill-interessi tal-Istat;

8. li hemm bżonn ħafna xogħol biex jiżdiedu ċ-*checks and balances* fil-liġijiet Maltin sabiex jiġi limitat l-indħil tal-Prim Ministru sija fil-Ġudikatura u l-mezzi tax-xandir;

9. li l-kariga tal-Avukat Ġenerali jeħtieġ tkun riformata biex jinfired l-irwol ta' Prosekutur minn dak ta' konsulent legali tal-Gvern;
10. li l-Kummissarju tal-Pulizija ma jibqax jinħatar mill-Prim Ministru;

11. li tissaħħaħ il-liġi tal-Whistleblower u biex is-Sur Jonathan Ferris, ex impjegat tal-FIAU, jingħata iktar protezzjoni sija mill-Pulizija u sija mil-liġi tal-Whistleblower;

12. li l-Gvern għandu jżid qatigħ it-trasparenza fil-pubblikazzjoni tal-ismijiet taċ-ċittadini Maltin ġodda taħt l-IIP;

13. li l-Gvern għandu jżid bis-saħħa u bis-serjetà l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jiżdiedu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni kontra d-delitti finanzjarji u l-korruzzjoni;

14. li għandu jkun hemm investigazzjoni dwar ix-xiri ta' voti qabel l-elezzjoni ġenerali permezz ta' ingaġġ ta' impjegati mal-Gvern, ħruġ ta' permessi u *promotions* fl-Armata

Billi dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma ta' gravità u serjetà **bla ebda preċedent** kontra Malta u jolqtu mill-viċin immens is-saltna tad-dritt f'Malta;

Billi dan ir-Rapport u r-Rakkomondazzjonijiet tiegħu jolqtu fil-laħam il-ħaj id-dehra ta' Malta barra minn xtutna bi ħsara kbira fuq medda ta' żmien għall-impjiegi tal-Maltin u Għawdxin onesti, ta' rieda tajba, ħawtiela u għaqlin;

Billi sija r-Rapport u r-Rakkomondazzjonijiet tiegħu m'huma xejn ħlief daqqa ta' ħarta kbira u theddida gravi għall-ħidma ta' eluf ta' professjonisti u ħaddiema Maltin u Għawdxin li fl-aħħar snin ħadmu bl-għaraq ta' ġbinhom biex bnejna qasam ta' servizzi finanzjarji b'reputazzjoni impekkabbli, attraenti, u kalamita għall-investiment li ħoloq eluf ta' impjiegi f'pajjiżna;

Billi issa hu ċar iktar minn qatt qabel li l-inerzja tal-awtoritajiet Maltin li jinvestigaw persuni Maltin esposti politikament fuq korruzzjoni, u ħasil ta' flus minn meta ħarġu l-Panama Papers 'il hawn, jekk mhux ukoll kompliċità attiva biex tinħeba kull traċċa ta' delitti finanzjarji, qed tkun ta' dannu kbir u irrimedjabbli għall-interessi tal-Istat Malti, speċjalment fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u l-eluf ta' impjiegi li jħaddan;

Għalhekk din il-Kamra tirriżolvi li:

hu fl-interess nazzjonali tagħna lkoll li din il-Kamra tiddiskuti, tanalizza, tesiġi u tirriżolvi favur li dawn ir-Rakkomandazzjonijiet tar-Rapport imsemmi jkunu implimentati mill-Gvern sa żmien qasir u definit.

14.03.2018

**L-Onor. Byron Camilleri ressaq din l-emenda:**

"Jitneħħa l-kliem minn "Billi r-rapport imsemmi jelenka xejn inqas" sal-kliem "tar-Rapport imsemmi jkunu implimentati mill-Gvern sa żmien qasir u definit.",

U minflok daħħal is-segwenti:

"Billi r-Rapport għamel diversi rakkomandazzjonijiet lill-Gvern ta' Malta;

U billi l-Gvern ta' Malta filwaqt li wieġeb għall-imsemmi rapport u għar-rakkomandazzjonijiet li saru fih mill-ewwel għamilha ċara:

1. Illi l-Gvern ta' Malta huwa miftuħ għad-diskussjoni dwar it-titjib fl-istituzzjonijiet u jilqa' rakkomandazzjonijiet li jistgħu jkomplu jsaħħu l-governanza. Fosthom rakkommandazzjonijiet li diġà twettqu jew bdew jitwettqu.

2. Illi l-Gvern, qabel l-imsemmi rapport, kien diġà wettaq, kompla jwettaq u qed iwettaq numru ta' bidliet. Fost dawn hemm id-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni tar-Raba' Direttiva Kontra l-*Money Laundering*, kif ukoll titjib u tisħiħ tal-Malta Financial Services Authority.

3. Illi l-Gvern daħħal fis-seħħ liġijiet favur it-tisħiħ tal-libertà ġurnalistika, it-tneħħija tal-libell kriminali u anke miżuri anti-SLAPP fuq livell lokali. Il-Gvern huwa wkoll favur liġi Ewropea anti-SLAPP li tkun enforzabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

4. Illi tinnota wkoll li l-Kummissjoni Ewropea diġà analizzat il-programm ta' Ċittadinanza b'Investiment ta' Malta. Kif ukoll tinnota li issa l-Kummissjoni Ewropea għaddejja b'xogħol ta' analiżi ta' xejn anqas minn programmi simili fi 12-il pajjiż Membru Stat tal-Unjoni Ewropea, liema analiżi Malta kkoperat bis-sħiħ f'ġieħ it-trasparenza.

5. Illi tfakkar kull allegazzjoni qed tiġi investigata u fil-fatt hemm għaddejjin proċessi ġudizzjarji li nfetħu minn membri ta' din il-Kamra. Liema inkjesti għandhom jitħallew isiru b'sens ta' ġustizzja u mhux, kif hawn min qed jipprova jagħmel, idawwarhom f'ballun politiku. Tinnota wkoll li diversament mil-liġijiet ta' xi pajjiżi oħra Ewropej tippermetti anke liċ-ċittadin privat illi jitlob direttament li Maġistrat jiftaħ inkjesta;

6. Tinnota wkoll kif diversament milli sar fl-istorja tal-Ġudikatura Maltija, għall-ewwel darba mill-2016 lil hawn l-Eżekuttiv jimxi fuq parir ta' kumitat imwaqqaf bil-Kostituzzjoni u magħmul mill-Prim Imħallef, l-Avukat Ġenerali, l-Ombudsman, l-Awditur Ġenerali u l-President tal-Kamra tal-Avukati. Dan għall-ewwel darba qed idaħħal *checks and balances* aħjar sabiex tiġi limitata d-diskrezzjoni tal-politiku fil-Ġudikatura.

7. Tinnota wkoll li bdew isiru u se jibqgħu jiġu mtejba u msaħħa istituzzjonijiet li minn dejjem kienu rispettati bħall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, kif ġie rikonoxxut mill-aħħar rapport tal-GRECO, u anke l-Korp tal-Pulizija. Liema istituzzjonijiet jixirqilhom kull tifħir għall-ħidma sfieqa tagħhom.

8. Illi tinnota li fost l-ewwel miżuri ta' dan il-Gvern kienet id-dħul fis-seħħ ta' *Whistleblowers' Act* kif ukoll it-tneħħija ta' preskrizzjoni fuq reati ta' korruzzjoni mwettqa mill-politiċi. Ta' min jieħu konjizzjoni li Malta hija fost ammont żgħir ħafna ta' Membri Stati tal-Unjoni Ewropea illi għandhom liġi tal-Whistleblower.

9. Illi l-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment għaddej minn proċess ta' konsultazzjoni biex jissaħħaħ. U li l-programm ta' Malta huwa fost l-uniċi li jippubblika l-ismijiet ta' min jieħu ċittadinanza Maltija. Permezz ta' dan il-programm li wassal għal Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Soċjali li bis-saħħa tiegħu qed isiru diversi proġetti ta' fejda għal pajjiżna.

10. Illi l-Ministeru tal-Finanzi nieda strateġija kontra *Money Laundering* u Iffinanzjar ta' Terroriżmu filwaqt li qed ikompli jsaħħaħ il-ġlieda kontra reati ekonomiċi oħra, billi waqqaf kumitat nazzjonali ta' kordinament kontra *Money Laundering* u Iffinanzjar ta' Terroriżmu. Dan il-programm jinvolvi 'il fuq minn 50 inizjattiva li għandhom jiġu implimentati fuq tliet snin.

11. Illi din il-mozzjoni tinnota wkoll li rapport tal-OSCE li analizza l-elezzjoni ġenerali f'Malta ma wasal għall-ebda konklużjoni li kien hemm xi prattiċi skorretti. Dan filwaqt li għall-ewwel darba ddaħħlet fis-seħħ Liġi dwar il-Finanzjament tal-Partiti.

12. Din il-mozzjoni tinnota wkoll ir-riżultati u l-avvanzi fil-qasam tal-Ġustizzja kif elenkati bl-iktar mod sod fil-*Justice Scoreboard* ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea, tant li pajjiżna ġie fl-ewwel post fl-Unjoni Ewropea kollha fejn tidħol il-*clearance rate* fil-kamp ċivili, amministrattiv u kummerċjali.

Illi din il-Kamra tesprimi t-tħassib tagħha għall-fatt illi uħud mir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport ma kinux se jservu l-iskop li jtejbu l-governanza billi huma bbażati fuq premessi u rapporti li jonqsu milli jagħtu stampa vera tal-Gvern u tal-istituzzjonijiet f'Malta. Għalhekk l-għan ewlieni tal-Gvern hu li jkompli għaddej bi djalogu kostruttiv mal-Istituzzjonijiet Ewropej sabiex flimkien isir xogħol għal Malta aħjar;

Għalhekk din il-Kamra tirriżolvi:

1. Illi tagħti l-appoġġ kollu lill-Gvern biex ikompli fil-proċess meqjus u miftuħ ta' riformi tas-sistemi legali u kostituzzjonali ta' Malta u fil-proċess ta' djalogu kostruttiv kemm f'Malta kif ukoll mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Parlament Ewropew u ma' diversi organizzazzjonijiet internazzjonali oħra. Dan minħabba li d-demokrazija f'pajjiżna hija ħajja u wieħed irid jibqa' jaħdem dejjem favur it-tisħiħ tagħha.

2. Illi tappoġġja t-tisħiħ tas-Saltna tad-Dritt b'mod illi l-Ġudikatura titħalla tkompli l-inkjesti li qiegħda twettaq mingħajr ma tiġi soġġetta għal pressjonijiet mhux xierqa u għal attakki intiżi biex joskuraw l-integrità tagħha, dan għax min jemmen fis-Saltna tad-Dritt tassew għandu jħalli l-istituzzjonijiet ġudizzjarji jaħdmu fil-libertà sabiex issir ġustizzja, mingħajr pressjoni minn min irid jipprova jinfluwenza l-kors tal-ġustizzja.

3. Tħeġġeġ lill-Gvern biex ikompli jiddefendi l-interess nazzjonali u l-interessi tal-poplu Malti u Għawdxi kollu fil-ħidma tiegħu."".

**L-emenda għaddiet.**

**Il-mozzjoni, kif emendata, għaddiet fis-Seduta Nru 131 tal-Erbgħa, 13 ta' Ġunju 2018.**